**FORMOLA TA' TALBA GĦAL RIMBORŻ U KUMPENS**

*skont ir-Regolament (UE) 2021/782 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* ([1])

*Il-passiġġieri jistgħu jużaw din il-formola biex jitolbu rimborż jew kumpens, jew it-tnejn li huma, mingħand l-impriżi ferrovjarji.*

*Il-passiġġieri għandhom id-dritt jużaw din il-formola. Fl-istess ħin, jekk jogħġbok innota wkoll li l-użu ta' din il-formola mhuwiex obbligatorju. Xi impriżi ferrovjarji jaf ikollhom formola online tagħhom stess jew sistema simili fis-seħħ fuq is-sit web tagħhom jew permezz ta' applikazzjoni għall-apparati mobbli biex jipproċessaw it-talbiet għal rimborż jew kumpens. Għas-sottomissjoni tat-talbiet, jista' jkun li japplikaw limiti taż-żmien skont id-dritt nazzjonali.*

*Jekk jogħġbok innota li xi impriżi ferrovjarji jaf joffru kundizzjonijiet aktar favorevoli għar-rimborż u l-kumpens meta mqabbla ma' dawk previsti fir-Regolament (UE) 2021/782. Għalhekk, huwa rakkomandat li tiċċekkja t-termini u l-kundizzjonijiet tal-impriża ferrovjarja kkonċernata.*

*Imla b'mod ċar il-partijiet rilevanti tal-formola b'ITTRI KBAR.*

## 1. Raġuni(jiet) għat-talba tiegħek

*Jekk jogħġbok agħmel salib [X] ħdejn kull inċident li japplika għat-talba tiegħek*

☐ Dewmien

☐ Kanċellazzjoni

☐ Konnessjoni mitlufa minħabba dewmien jew kanċellazzjoni

## 2. Talba preċedenti għal rimborż/kumpens f'każ ta' dewmien/kanċellazzjoni/ konnessjoni mitlufa għall-istess vjaġġ ferrovjarju

*L-impriżi ferrovjarji jaf ikollhom formola online tagħhom stess jew sistema simili fis-seħħ fuq is-sit web tagħhom jew permezz ta' applikazzjoni għall-apparati mobbli biex jipproċessaw it-talbiet għal rimborż jew kumpens.*

*Diġà tlabt rimborż u/jew kumpens f'każ ta' kanċellazzjoni, dewmien jew konnessjoni mitlufa waqt l-istess vjaġġ ferrovjarju permezz ta' tali mezz(i)? Jekk iva, jekk jogħġbok imla l-informazzjoni ta' hawn taħt.*

2.1. Data tat-talba preċedenti għal rimborż/kumpens għall-istess vjaġġ ferrovjarju (*jum/xahar/sena*): ____________________

([1]) Ir-Regolament (UE) 2021/782 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji (ĠU L 172, 17.5.2021. p. 1). Din il-formola hija l-verżjoni aċċessibbli magħmula disponibbli mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 2 tar- Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/949 tas-27 ta' Marzu 2024 li jistabbilixxi formola komuni għall-passiġġieri tal-ferroviji" talbiet għal rimborż u kumpens għal dewmien, konnessjonijiet mitlufa u kanċellazzjonijiet ta' servizzi ferrovjarji f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/782 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 2024,/949, 2.4.2024).

2.2. Talba indirizzata lil (*jekk jogħġbok niżżel l-isem tal-impriża ferrovjarja — f'każ li kienu involuti diversi impriżi ferrovjarji, jekk jogħġbok semmihom kollha hawnhekk*):

2.3. Mezzi użati għal din it-talba preċedenti (*eż. formola online jew applikazzjoni għall-apparati mobbli — jekk jogħġbok indika r-referenza ta' din it-talba, jekk disponibbli*):

**3. Dettalji tal-vjaġġ tiegħek**

3.1. Isem l-impriża ferrovjarja

3.2. Vjaġġ skedat

3.2.1. Data tat-tluq (*jum/xahar/sena*):

3.2.2. Stazzjon tat-tluq:

3.2.3. Stazzjon tad-destinazzjoni:

3.2.4. Ħin skedat tat-tluq (*siegħa/minuti*):

3.2.5. Ħin skedat tal-wasla fid-destinazzjoni (*siegħa/minuti*):

3.2.6. Numru tal-ferrovija/kategorija tal-ferrovija:

3.2.7. Numru tal-biljett(i)/referenza tal-prenotazzjoni:

3.2.8. Prezz tal-biljett:

3.3. Vjaġġ reali

3.3.1. Data tal-wasla reali (*jum/xahar/sena*):

3.3.2. Ħin reali tat-tluq (*siegħa/minuti*):

3.3.3. Ħin reali tal-wasla fid-destinazzjoni finali (*siegħa/minuti*):

3.3.4. Numru tal-ferrovija/kategorija tal-ferrovija:

3.3.5. Konnessjoni mitlufa fi (*stazzjon*):

## 4. In-natura tat-talba tiegħek lill-impriża ferrovjarja

*Jekk jogħġbok speċifika t-talba/talbiet tiegħek b'salib [X].*

☐ **Rimborż tal-biljett(i) mingħand l-impriża ferrovjarja (1), (2)** minħabba ferrovija kkanċellata jew li ddewmet jew minħabba konnessjoni mitlufa li jwasslu għal dewmien mistenni fil-wasla fid-destinazzjoni finali ta' 60 minuta jew aktar.

☐ **Kumpens mingħand l-impriża ferrovjarja (2)** (*jekk jogħġbok agħżel waħda mill-għażliet li ġejjin*):

- ☐ F'każ ta' dewmien fil-wasla fid-destinazzjoni finali ta' bejn 60 minuta u 119-il minuta. (3)
- ☐ F'każ ta' dewmien fil-wasla fid-destinazzjoni finali ta' 120 minuta jew aktar.
- ☐ F'każ ta' dewmien jew kanċellazzjonijiet rikorrenti mġarrba minn passiġġier detentur ta' pass tal-ivvjaġġar jew ta' biljett staġunali. (4)

☐ **Rimborż tal-kostijiet mingħand l-impriża ferrovjarja f'każ li użajt fornituri oħra tas-servizzi tat-trasport jew rimborż ta' kostijiet oħra** (kontijiet għal impriżi ferrovjarji oħra, xarabank, coach, taxi, lukanda jew akkomodazzjoni oħra, ikliet, xorb). (5)

***Jekk jogħġbok innota li ma tistax tapplika għal kumpens u rimborż mingħand l-impriżi ferrovjarji jekk tlift konnessjoni waħda jew aktar minn waħda fejn japplikaw il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:***

1. *Xtrajt biljett jew biljetti permezz ta' tranżazzjoni kummerċjali unika għal vjaġġ li jinkludi konnessjoni waħda jew aktar minn waħda;*
2. *Fuq il-biljetti, jew fuq dokument (elettroniku) ieħor, hemm imniżżel li l-biljetti jirrappreżentaw kuntratti separati tat-trasport;*
3. *Ġejt infurmat(a) dwar dan qabel xtrajt il-biljett(i).*

---

(1) Ir-rimborż għandu jingħata fi żmien 30 jum wara li tasal it-talba. M'intix intitolat(a) għal rimborż tal-biljett(i) jekk l-impriża ferrovjarja offriet li tagħmel u għamlet l-arranġamenti neċessarji għar-ridirezzjonar tar-rotta tiegħek jew għall-kontinwazzjoni tal-vjaġġ lejn id-destinazzjoni finali tiegħek, u inti aċċettajt din l-offerta.

(2) Il-kumpens tal-prezz tal-biljett għandu jingħata fi żmien xahar wara s-sottomissjoni tat-talba għal kumpens. Jekk jogħġbok innota li l-impriżi ferrovjarji jistgħu jintroduċu limitu minimu li jekk ma jintlaħaqx jew ma jinqabiżx, ma jingħatax kumpens. Dan il-limitu ma għandux jaqbeż l-EUR 4 għal kull biljett. Barra minn hekk, jekk jogħġbok innota li ista' tapplika għal kumpens jew għal rimborż tal-biljetti(i) mingħand impriża ferrovjarja, iżda mhux għat-tnejn li huma għall-istess vjaġġ.

(3) Jekk jogħġbok innota li xi impriżi ferrovjarji jaf jagħtu kumpens anke jekk il-limitu ta' 60 minuta ma jintlaħaqx.

(4) Jekk jogħġbok innota li l-kriterji biex jiġi ddeterminat id-dewmien u biex jiġi kkalkulat il-kumpens huma ddikjarati fl-arranġamenti ta' kumpens tal-impriża ferrovjarja f'konformità mal-Artikolu 19(2) tar-Regolament (UE) 2021/782.

(5) Jitqiesu biss il-kostijiet li huma xierqa skont l-Artikoli 18(3) u 20(2) tar-Regolament (UE) 2021/782. Jekk jogħġbok innota li jenħtieġ li l-ikliet u x-xorb jiġu offruti mill-impriżi ferrovjarji, b'mod raġonevoli skont il-ħin tal-istennija, jekk ikunu disponibbli fuq il-ferrovija jew fl-istazzjon, jew jekk ikunu jistgħu jiġu pprovduti b'mod raġonevoli wara li jitqiesu xi kriterji bħad-distanza mill-fornitur, il-ħin meħtieġ għall-kunsinna u l-kost. Ir-rimborż tal-kostijiet f'każ li użajt fornituri oħra tas-servizzi tat-trasport għandu jingħata fi żmien 30 jum wara l-wasla tat-talba. Huwa rrakkomandat ħafna li jiġu sottomessi dokumenti rilevanti ta' sostenn.

**Sib aktar informazzjoni dwar id-drittijiet tiegħek bħala passiġġier u dwar il-mezzi biex titlob id-drittijiet tiegħek fuq:**

- Is-sit web "Your Europe":
  www.europa.eu/youreurope/citizens/travel
- L-app "Your Passenger Rights"
  billi tiskennja l-kodiċi QR.
- Europe Direct billi ċċempel fuq
  00 800 6 7 8 9 10 11

## 5. Dettalji personali

5.1. Isem

5.1.1. Isem: ____________________

5.1.2. Kunjom: ____________________

5.2. Indirizz

5.2.1. Isem tat-triq: ____________________ 5.2.2. Nru: ________

5.2.3. Pajjiż: ____________________

5.2.4. Kodiċi postali: ________ 5.2.5. Belt/Raħal: ____________________

5.3. Dettalji ta' kuntatt

5.3.1. Indirizz elettroniku (*fejn applikabbli, jekk jogħġbok niżżel l-indirizz li użajt meta bbukkjajt*): ____________________

5.3.2. Numru tat-telefon: ____________________

5.4. Forma ppreferuta ta' ħlas għar-rimborż/għall-kumpens: (*jekk jogħġbok immarka kaxxa waħda biss*).

☐ Flus ☐ Vawċers u/jew servizzi oħra (jekk offruti)

5.5. Dettalji tal-ħlas

*(f'każ ta' preferenza għal rimborż/kumpens fi flus)*

5.5.1. IBAN (numru tal-kont): ____________________

5.5.2. SWIFT/BIC (numru tar-routing): ____________________

5.5.3. Mezzi oħra ta' ħlas użati mill-passiġġier biex xtara l-biljett (eż. PayPal, Apple pay, eċċ.): ____________________

5.5.4. Isem id-detentur tal-kont (*isem, kunjom*): ____________________

## 6. Informazzjoni addizzjonali relatata mal-biljett/vjaġġ tiegħek

*Jekk trid, hawnhekk tista' żżid informazzjoni addizzjonali relatata mal-biljett/vjaġġ tiegħek, inkluż informazzjoni dwar kull kost addizzjonali li sar għal fornituri oħra tas-servizzi tat-trasport jew dwar kostijiet oħra (kontijiet għal impriżi ferrovjarji oħra, xarabank, coach, taxi, lukanda jew akkomodazzjoni oħra, ikliet, xorb). Huwa rrakkomandat ħafna li jiġu sottomessi dokumenti rilevanti ta' sostenn. Massimu ta' 2 500 karattru.*

**JEKK JOGĦĠBOK EHMEŻ ID-DOKUMENTI RILEVANTI**

(eż. il-biljett(i) jew il-prenotazzjoni(jiet), inkluż dokumentazzjoni għall-kostijiet addizzjonali mġarrba; konferma tad-dewmien/tal-kanċellazzjoni, fejn huwa xieraq)

Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (ir-Regolament (UE) 2016/679) japplika għall-ipproċessar tad-data personali permezz ta' din il-formola. Informazzjoni addizzjonali dwar kif id-data personali tiegħek se tiġi pproċessata hija pprovduta mir-riċevitur ta' din il-formola. **Jien b'dan ngħarraf li r-riċevitur ta' din il-formola komuni għal rimborż u kumpens jista' jikkondividi d-data personali tiegħi ma' partijiet rilevanti oħra, jekk ikun meħtieġ hekk għall-ipproċessar tat-talba tiegħi**

*Jekk jogħġbok indika b'salib [X]*

☐ IVA ☐ LE

**Jien b'dan niddikjara li l-informazzjoni kollha pprovduta f'din il-formola hija veritiera u preċiża fl-aspetti kollha u għall-passiġġieri kollha**

*Data tal-applikazzjoni (jum/xahar/sena):* ______

*Post tal-applikazzjoni:* ______

*Isem il-passiġġier jew ir-rappreżentant tiegħu/tagħha:* ______